Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur John Spiteri]

[Spettur Paula Ciantar]

vs

Claudio Perossa

**Kumpilazzjoni Numru: 329/2020**

**Illum, 19 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Claudio Perossa detentur tal-karta tal-identità 134041A** akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. F'dawn il-gzejjer, u/jew f'Dawret it-Tunnara, Mellieha, nhar il-15 ta' Lulju, 2020 f'xi hin bejn il-11:00hrs u 13:00hrs b'ghemil zieni, kkorrompa persuna ta' taht l-età u cioè lil -Omissis- ID: -Omissis- ta' 6 snin liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena.

   *Art. 203(1)(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, u/jew f'Dawret it-Tunnara, Mellieha, nhar il-15 ta' Lulju, 2020 f'xi hin bejn il-11:00hrs u 13:00hrs b'ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-età u cioè lil -Omissis- ID: -Omissis- ta' 14-il sena.

   *Art. 203(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. F'dawn il-Gzejjer, u/jew f'Dawret it-Tunnara, Mellieha, nhar il-15 ta' Lulju. 2020 f'xi hin bejn il-11:00hrs u 13:00hrs u nhar it-18 ta' Lulju, 2020 f'xi hin bejn il-17:00hrs u 19:15hrs b'ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-età u cioè -Omissis- ID: -Omissis- ta' 13-il sena.

*Art 203(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, u/jew f'Dawret it-Tunnara, Mellieha, fit-18 ta' Lulju, 2020 u fil-granet ta' qabel offenda il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

   *Art. 209 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. U aktar talli rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittmi u l-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, fik provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Marzu, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18 u 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18 u 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 18 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet lil **-Omissis-** li huwa l-missier tal-minuri -Omissis- li hija wahda mill-allegat vittmi u li xehed fuq l-incident tal-15 ta' Lulju 2020 meta kienu qed jghumu l-Ghadira l-Mellieha vicin il-bajja tat-Tunnara. Huwa jixhed illi dakinhar kellu t-tfal tieghu jghumu ma' tfal ohrajn u t-tifla l-kbira tieghu -Omissis- ta' 13-il sena li kienet bil-maskla nnutat ragel inizzel il-malja u jimmasturba l-parti privata tieghu quddiem it-tfal u dawn it-tfal hargu mill-bahar u marru jirrakkontaw immedjatament x'gara lill-ommhom. Jghid illi dakinhar tal-15 ta' Lulju huwa ma kienx prezenti. Jghid illi però kien sar rapport mal-pulizija izda sakemm dawn lahqu waslu, din il-persuna kienet lahqet telqet.

Ikompli jixhed illi kien hemm kaz iehor u cioè fit-18 ta' Lulju 2020 fl-istess post din id-darba tard waranofsinhar fejn huwa kien prezenti u nnota t-tfal gejjin jigru lejh ippanikkjati fejn huwa jghid testwalment *"U giet il-kbira fuqi u qaltli li tahseb li dak huwa s-*

*Sinjur tal-ahhar darba tal-Erbgha. Saqsejtha jekk kinitx certa qaltli li kienet certa u b'hekk qaghdna nharsu lejh u beda jidher qed jaghmel agir stramb hafna. Ghax kien il-hin kollu jhares lejn it-tfal u jien, u hemmhekk bhala bahar huwa baxx, beda miexi b'idejh l'isfel it-tnejn li huma u mbaghad kien hemm koppja ohra fuq il-genb tal-bajja fejn kien hemm it-tfal kien hemm mara fuq lajlo. Fil-fatt hu resaq hdejhom, il-mara hasbet li qisu beda jaghti fastidju lilha u mxiet 'il fuq. U hu baqa' jiffoka, telqet 'l hemm hu baqa' jiffoka fuq it-tfal. Dak il-hin gietni idea biex inkun cert jekk hux hu li jien nohrog 'il barra nghum u hadt il-maskla mieghi. Kellimt lit-tifla l-kbira u ghidtilha kif jiena nkun gej lura biex hi tinzel il-bahar toqghod hdejn il-blat. U kif ra rega' t-tifla qeghda fil-bahar rega' gie javvicinaja. U jien gejt minn warajh u rajt, rajtu litteralment bil-malja mnizzla u jimmasturba."* Jghid imbaghad illi beda jghajjat mieghu u tellghu fuq il-blat sakemm ma gew il-pulizija. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala dik il-persuna.

Xehdet ukoll **<u>-Omissis-</u>** illi kienet fil-post inkwistjoni nhar il-15 ta' Lulju 2020 mat-tifla taghha -Omissis- (seba' (7) snin) u l-habiba taghha -Omissis- (sitt (6) snin), flimkien ma' xi familji ohra u tfal li kienu kollha jafu lil xulxin minhabba li dawn kellhom villeggjatura hemmhekk. Tghid ukoll illi dawn it-tfal marru jilghabu bejn zewg

blatiet fil-bajja inkwistjoni fejn hija rat ragel ihares lejn dawn it-tfal li kien qisu bilqeghda fil-bahar fuq blata. Din tghid illi bdiet tithasseb meta rat li dan baqa' jhares lejhom u fil-pront giet mara tghidilha biex tmur tara x'kien qed jigri ghaliex dak ir-ragel kien bil-malja mnizzla. Din tghid illi marret ghat-tfal u hadithom 'l hemm u -Omissis- fil-pront qaltilha li dak ir-ragel kellu il-"*willy*" barra. L-omm marret hdejh u qaltlu l-kliem "missek tisthi" u marret fuq il-moll bit-tfal. Tghid illi wara li kkalmat marret biex tfittex dan ir-ragel hdejn is-*swimmers zone* u hemmhekk sabet grupp ta' tfajliet li qajmu kommozzjoni fejn dawn bdew jghidu li kien hemm ragel li beda jurihom il-parti tieghu. Minn stharrig li ghamlet ix-xhud saret taf illi dan ir-ragel li kien ta' certu età kien liebes malja tipo *speedo* tal-kulur iswed bl-ahmar. Tghid illi s-Sibt ta' wara regghet marret il-bajja waranofsinhar u omm ohra wrietha ritratt ta' ragel li tahseb li kien wera' l-parti tieghu u fil-fatt kien hu. L-omm imbaghad qaltilha x'kien gara aktar kmieni filghodu. Tikkonferma illi l-imputat kien ghadu fuq il-post meta hija kienet hemm fejn kien hemm il-pulizija prezenti flimkien ma' missier -Omissis- u cioè -Omissis- fejn beda jispjegalhom x'kien gara lit-tifla tieghu.

**<u>-Omissis-</u>** li tigi l-mamà ta' -Omissis- li dak iz-zmien kellha sitt (6) snin tghid illi wara li gara l-incident staqsiet lit-tifla taghha x'kien gara l-bahar u hi qaltilha li *"he kept touching his willy and let it go".* Hija tghid illi hija kienet hadet ir-ritratt ftit jiem wara tal-akkuzat fil-bahar fejn wara li rat corma nies hija ssoponiet u hadet dan ir-ritratt u wrietu lil -Omissis- fejn hija kkonfermat li dak kien ir-ragel li kien gharwien.

Xehdet ukoll il-minuri **<u>-Omissis-</u>** permezz tas-sistema awdjoviziva fejn tghid illi fil-15 ta' Lulju ta' dik is-sena kienet il-bahar mal-habiba taghha -Omissis- fejn dawn kienu bil-*goggles* fejn raw dan ir-ragel gej bil-mod lejhom fejn meta gie ezatt quddiemhom digà kellu l-qalziet imnizzel u tghid illi beda jilghab maghha quddiemhom u fl-istess hin jiffissa lejhom. Hija tirreferi ghall-parti privata tieghu. Tghid illi huma telqu u baqa' jsegwihom u meta ra lil ommhom dan beda jghum 'il boghod minnhom. Tghid illi ghalkemm ghalihom fejn gara l-incident ma kienx ilahqilhom, ghal dak ir-ragel kien ilahhaqlu ghaliex kien pjuttost twil. Tghid illi t-tnejn li huma nhasdu meta raw din ix-xena u li kienet xi haga hazina ghalhekk mill-ewwel telqu sabiex jghidu lil ommhom. Ix-xhud tghid illi barra dik l-okkazjoni regghet rat lil dan ir-ragel is-Sibt ta' wara u cioè fit-tmintax (18) fejn kienet qed tilghab ma'

grupp ta' hbieb u dan beda jsegwihom u fil-pront marret tghid lil missierha li qallha sabiex terga' tmur tghum halli dan jigi vicin taghha. Tghid illi missierha nizel fl-ilma bil-*goggles* u rah bil-qalziet imnizzel. Ix-xhud iddeskriviet il-malja bhala *speedo* tal-kulur ahmar bl-iswed u r-ragel bhala wiehed li kien jaf jghum hafna.

Minuri ohra **-Omissis-** kkonfermat pjenament dak li kienet xehdet qabilha l-minuri -Omissis-.

**-Omissis-** kienet minuri ohra nvoluta f'dan l-incident fejn tghid illi kienet il-bahar il-Mellieha mal-habiba taghha -Omissis- u ommha fejn tghid illi kienu jghumu u ragel kien bilqeghda fil-bahar fuq blata u beda jmiss il-parti tieghu u l-malja kienet imnizzla fuq saqajh. Tghid illi dan ir-ragel kien vicin hafna taghhom sakemm mal-mamà ta' -Omissis- giet u hadithom 'l hemm. Tghid illi -Omissis- stqasiet lir-ragel jekk kellux xi problema bl-Ingliz peress li jitkellmu b'din il-lingwa bejniethom u hu qallha li le. Hija gharfet lill-imputat fl-awla.

Xehed **PS1515 Austin Magro Scerri** fejn esebixxa fedina penali tal-imputat meta kien jghix gewwa l-Italja u dan mis-sistema tal-

ECRIS tal-*exchange* tal-*criminal records* tal-Ewropa (Dok AS1 u AS2) liema dokumenti juru diversi sentenzi tal-Qrati Taljani fuq atti oxxeni bejn is-snin 1992 u 2011 u dan taht l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali Taljan.

<u>-Omissis-</u> li tigi omm -Omissis- li dak iz-zmien kellha erbatax (14)-il sena tghid illi t-tifla taghha u habiba taghha -Omissis- kienu qeghdin jghumu bil-*goggles* fil-hmistax (15) ta' Lulju meta f'daqqa wahda gew jigru lejhom u nfurmawhom li ragel kien qed idur maghhom u neza' l-malja quddiemhom. Tghid li dawn it-tfal kienu mahsudin.

Finalment semghet ix-xhieda tad-difiza fosthom ix-xhieda tal-imputat <u>Claudio Perossa</u> u l-espert nominat mill-Qorti fuq talba tad-difiza <u>Dr Mario Scerri</u> fejn esebixxa rapport immarkat bhala Dok. MS1.

Illi mix-xhieda tal-imputat <u>Claudio Perossa</u> hareg illi dan kellu *hernia* 'l fuq u xi problemi fl-ispina u minhabba f'hekk ghandu problemi ta' mobilità fizika. Ghaldaqstant huwa nghata bhala terapija sabiex imur jghum. Jghid illi dakinhar tal-20 ta' Gunju huwa kien qieghed il-Mellieha jghum fi kliemu "mghaggel". Huwa

jghid illi xi erba' (4) metri 'il boghod minnu kien hemm xi tfal jghumu bil-maskri u a rigward il-malja tieghu jghid *"il-lakstu innutajt li l-lakstu kien qed jerhi. U minhabba dan il-fatt nizel ftit, nizlet ftit din il-malja. Imma milli jidher li nizlet bizzejjed biex tkun tista' tidher il-parti intima. Jien dak il-hin vera sthajt iktar u iktar x'hin irrejalizzajt li t-tfal kienu qeghdin b'dawn il-goggles qeghdin iharsu lejja. Jiena bdejt nihhesilja hawn isfel. . . . Jigifieri fis-sens bdejt nipprova naqbad u nipprova nghatti. U fl-istess hin nipprova ngholli l-malja. Ma rnexxiliex ghax il-livell tal-ilma kien gholi u ghalhekk ippruvajt nersaq fejn jilhaqli. Sakemm jiena ersaqt sa' fejn kien qed ilahhaqli hemmhekk gew giex t'itfal ohra. Jien kont wieqaf imma l-bahar kien qed jiccaqlaq. U hemmhekk m'hemmx ramel, hemm qisu zrar u blat. Allura minhabba li l-bahar kien imcaqlaq beda jcaqlaqni minhabba kif ghidtilkom bil-problema li ghandi li m'ghandiex dik l-istabbilita'. Wahda minn dawn it-tfal resqet lejja u qaltli Mr ghandek bzonn xi ghajnuna? Jien dak il-hin vera kont qed nisthi u ghidtilha le grazzi. . . . U ftit wara giet mara bdiet tersaq lejja li nimmagina li kienet xi omm ta' wahda minn dawn it-tfal. Jien sa' dak il-hin irnexxieli nirranga ruhi u tlaqt. Dan kien l-Erbgha. Il-Hamis u l-Gimgha mort il-bahar ukoll, rajt lil dawn in-nies ukoll".*

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi Claudio Perossa qed jigi akkuzat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni sancita bl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li prezentement u cioè wara l-emenda b'Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"203.(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*
>
> *Izda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*
>
> *(a) jekk id-delitt isir **<u>bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena</u>** jew bi vjolenza, kemm dik fizika, kif ukoll dik psikologika".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: *"deals with those lustful acts not*

*consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."*

Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghall-koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghall-korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz in ezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat:

> *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota il-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell

Kriminali u cioè <u>**Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**</u>, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or*

*Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat Claudio Perossa huwa akkuzat illi kkommetta certa atti indecenti quddiem tfal minorenni li tali atti dawn il-minorenni tant tkazaw bihom illi marru jinfurmaw immedjatament lill-genituri taghhom bihom.

Illi mix-xhieda ta' dawn il-minorenni, kif ukoll ta' xi whud mill-genituri, hareg li dawn l-atti kienu diretti specifikatament lejn dawn il-minuri tant li -Omissis- ta' sitt (6) snin tghid illi l-imputat kien vicin hafna taghha u tal-habiba taghha -Omissis- ta' seba' (7) snin u dan beda fi kliemha *touching his willy and let it go.* -Omissis- li kienet mal-habiba taghha -Omissis-, li dawn ukoll kienu minorenni, qalet li l-imputat kien qed idur maghhom qabel ma beda jaghmel dawn l-atti. Fil-fatt l-istess -Omissis- tghid illi l-imputat beda jilghab maghha (il-parti privata tieghu) quddiemhom meta dan kellu l-malja mnizzla sa koxxtu. Dawn iz-zewg tfajliet jghidu wkoll illi spiccaw mahsudin b'dan l-agir. -

Omissis- li tigi l-mamà ta' -Omissis- ta' seba' (7) snin tghid illi bdiet tinnota lil dan ir-ragel (imputat) ihares lejn it-tfal (cioè -Omissis- u -Omissis-) b'mod insistenti ezatt kif bdiet tinnota li kien qed jaghmel agir kemxejn suspettuz. Finalment -Omissis- li jigi l-papà ta' -Omissis- kkonferma li l-imputat beda jhares lejn iz-zewg minorenni meta huwa kien qed jimmasturba taht il-bahar.

Illi tenut kont illi l-ewwel (1) element tar-reat ta' korruzzjoni gie ppruvat anke permezz ta' certifikati tat-twelid tal-minuri (Dok CP1, CP2 u CP3), it-tieni (2) element u cioè dawk ta' *lewd acts* huwa ugwalment ippruvat u dan ghaliex il-fatt illi l-imputat issoggetta lil dawn it-tfal ta' età pjuttost tenera li kwazi zgur ma kinux raw xejn bhal dan, atti ta' nudizmu min-naha tieghu kif ukoll atti li jixbhu dawk ta' ragel li qed jimmasturba, jaqghu certament taht din id-definizzjoni.

Fil-fatt il-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:-

> *"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore*

*sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato).”*

Skont l-awtur Taljan **Manzini**, fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale Italiano** dan jispjega x'inhuma atti di libidine jew ahjar dak li jikkostitwixxi ‘ghemil zieni’ u cioè dawk l-atti kollha *'diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piacere carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza".*

Fis-sentenza gja citata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen** ikkkwotat l-awtur Francesco Carfora fid-Digesto Italiano Digesto Italiano (Vol. VIII, parte 3, p. 967) fejn jghid:

*“Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella*

*giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, acui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali."*

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the*

*minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed."*

Illi dan l-insenjament japplika perfettament ghal kaz in ezami. L-akkuzat ikkommetta dawk l-atti taht il-bahar sabiex jarawh biss il-minuri affettwati li kien immirahom ftit qabel, nizzel il-malja u beda jaghmel l-atti libidinuzi.

Illi din il-Qorti ma temminx assolutament il-verzjoni tal-imputat li l-malja tieghu waqatlu u li l-atti li ghamel kienu biss tentattiv sabiex itellaghha peress li ghandu diffikultà fil-motorjetà fizika tieghu hekk kif qed jallega hu. Izda bir-rispett kollu anke jekk l-imputat jinghata l-beneficcju tad-dubju, malja, tkun kif tkun, ma tistax taqa' taht il-bahar ghaliex il-volum tal-ilma jhalliha dejjem 'il fuq. Illi madanakollu l-fatti kif graw fiz-zewg dati, fejn l-imputat l-ewwel jimmira lejn it-tfal, imbaghad jersaq lejhom biex jaghmel l-atti oxxeni jindika li ghamilhom b'mod intenzjonali u mhux ghax kien imferfex. Di piu' hemm zewg testimonjanzi ta' adulti li tefghu aktar dawl fuq il-verzjoni li taw it-tfal kontra l-verzjoni tal-imputat tant li wiehed minnhom jghid li effettivament dan kien qed

jimmasturba taht l-ilma. Fatt iehor li jimmilita aktar kontra l-verzjoni tal-imputat hija l-fatt li meta ra omm wahda mit-tfal riesqa lejh huwa telaq. Il-ghaliex telaq meta skont hu ma kellu xejn x'jahbi? Il-ghaliex rega' libes l-istess malja meta jaf x'kien gralu d-darba ta' qabel meta huwa stess xehed illi kellu malja ohra li seta' facilment jilbes jekk vera waqatlu ghax kienet laxka? U jekk qed jghid illi tfixkel ghax ma setax itella' l-malja, kif fl-istess nifs jghid illi huwa beda jghum b'ritmu mghaggel?

Illi ghalkemm huwa fatt illi l-imputat ibati minn xi debilitajiet fizici dawn bl-ebda mod ma setghu jkunu ta' impediment biex jaghmel dawk l-atti hekk kif gew deskritti mix-xhieda. Fil-fatt mir-rapport tal-espert mediku forensiku Dr Mario Scerri mitlub mid-difiza dan ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi l-esponent ra wkoll skeda dwar il-kapacita' ta'* ***Perossa*** *fej jirrizulta illi l-attivita mentali u razzjonali tieghu kienet warda adekwata rigwardanti l-posture tieghu fejn jirrizulta li dan kien kapaci jaghmel kollox b'limitazzjoni, bhal jinzel ghal koptejh, jitla minn din il-pozizzjoni u jista jcaqlaq l-estremitajiet mhux d'dawsekk heffa u jista' jahdem certu xoghol."*

Illi apparti dak li nghad mill-espert hawn fuq, il-kazijiet inkwistjoni saru fil-bahar u ghalhekk il-movimenti tal-imputat setghu kienu aktar iffacilitati minhabba dan il-fatt u kif wiegeb l-istess espert fix-xhieda tieghu (fol. 374) *"pero' in vista ta' dan kollu kapaci illi jaghmel dawn l-affarijiet ija mela le."*

Illi a rigward it-tielet (3) element tar-reat ta' korruzzjoni u cioè li l-atti ghandhom ikunu tali li jikkorrompu l-minuri jinghad illi kif gja gie indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, hawnhekk si tratta ta' minuri ta' età tenera u bl-ebda mod ma hemm dubju li dawn ma gewx korrotti u xxukkjati b'dak li kienu qeghdin jaraw. Bla dubju huma hassew li dak li kien qed jaghmel l-imputat kien xi haga kerha ghaliex it-tfal ta' dik l-età jigu mghallma mill-iskola kontra dawn it-tip ta' atteggjamenti, tant li kollha marru jinfurmaw il-genituri taghhom bl-akkadut immedjatament meta gara l-fatt.

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (**Cass. pen. n. 44681/2005 – 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

> *"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età*

*minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-fatt li jaggrava s-sitwazzjoni legali tal-imputat huwa li huwa kien precedentement gie akkuzat u kkundannat fl-Italja ta' atti simili izda jidher li mhux fil-prezenza ta' minuri u mhux ghal darba. Dawn kienu jinkludu reati ta' esibizzjonizmu kontemplat taht l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali Taljan li jistabbilixxi s-segwenti:-

*"Chiunque, in luogo pubblico o aperto o esposto al pubblico, compie atti osceni e' soggetto alla sanzione amministrattiva pecuniaria da euro 5.000 a euro 30.000".*

Dan ir-reat kien gie depenalizzat mill-Parlament Taljan meta minn piena ta' prigunerija gie mnizzel ghal piena ta' multa.

**Recidiva**

Illi l-akkuzat huwa addebitat ukoll l-aggravju tar-recidiva a bazi tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 49 jghid is-segwenti (emfazi mizjuda)

*"49. (1) Persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza,* ***<u>ukoll meta moghtija minn qorti barranija</u>*** *li tkun ghaddiet f'gudikat, taghmel reat iehor.*

*(2) F'xi proceduri taht jew ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiccertifika li persuna nstabet hatja ta' reat kontra l-ligi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data specifikata fid-dokument, ghandu jkun ammissibbli bhala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' htija minghajr htieġa ta' xi prova ulterjuri.*

*(3)* ***<u>Dokument ghandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin tapplika</u>****:*

*(a)* ***<u>jekk jidher li hu ffirmat minn</u>*** *imhallef, magistrat jew* ***<u>ufficjal tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza</u>****; jew*

*(b) jekk jidher li hu ccertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità ohra responsabbli ghall-gustizzja jew ghall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza, sew jekk ikun b'sigill u sew jekk le; jew*

*(c) jekk jidher li hu awtentikat b'gurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.*

*(4) Kull dokument li jkun ser jintbaghat b'rabta mal-proceduri taht dan l-artikolu jista' jintbaghat b'kull mezz sigur li jkun kapaci jipproduci dokumentazzjoni bil-miktub u taht kondizzjonijiet li jippermettu l-accertament tal-awtenticità tieghu.*

*(5) F'dan l-artikolu, "gurament" tinkludi affermazzjoni jew stqarrija; u xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem li jippregudika dokument li jkun ammissibbli bhala prova taht xi dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Illi mill-atti prodotti bil-gurament mill-ufficjal PS1515 Austin Magro Scerri li esebixxa bil-gurament zewg dokumenti ufficjali mahruga mid-Dipartiment tal-Gustizzja Taljana (Dok AS2) fejn dan huwa estratt tal-fedina penali tal-imputat odjern bil-generalitajiet

tieghu fejn jidher li dan kien gie kkundannat ghal reati ta' "atti osceni" mis-sena 1992 sas-sena 2011. Dokument AS1 jindika l-istess reati kommessi mill-imputat odjern izda dan id-dokument huwa mahrug mill-European Criminal Records Information System (ECRIS).

Illi l-Qorti, wara li assigurat illi l-generalitajiet tal-imputat huma l-istess kontenuti fid-dokumenti hawn fuq esebiti ser tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Piena

Illi tenut kont tar-reati addebitati lill-imputat u tenut kont tal-aggravju tar-recidiva, din il-Qorti thoss illi m'hemm l-ebda dubju li l-imputat ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 203(1), 203(1)(a), 209, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Claudio Perossa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li r-raba' (4) akkuza hija mezz ghal fini tal-akkuzi wiehed**

(1), tnejn (2) u tlieta (3), tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tmien (8) snin.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal mitejn, sitta u hamsin ewro u hamsin centezmu (€256.50).

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat Claudio Perossa jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

________________________________________

Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Magistrat

Benjamina Mifsud

Deputat Registratur